QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002

Numru 8
Citaz. Nru. 985/95 FDP

Ronnie sive Nazzareno Cauchi bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Marsalite Limited

Vs

John J. Borg u Mary F. Borg bhala Diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Primrose Poultry Products Limited

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *nomine* biegh u kkonsenja lill-konvenuti *nomine* merkanzija, kif ukoll esegwa xi xoghlijiet fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti;

Premess illi l-prezz totali ghax-xoghlijiet esegwiti u l-merkanzija msemmija jammontaw ghal elf tliet mija u tliet liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1303.75) liema ammont sallum ghadu l-bilanc pendenti, kif jidher minn prospett u tlett fatturi hawn annessi u mmarkati Dok. A1 sa Dok. A4;

Premess illi ghalkemm il-konvenuti *nomine* gew interpellati diversi drabi, anke permezz ta’ ittri legali datati 22 ta’ Ottubru 1993 u 19 ta’ Ottubru 1994, u permezz ta’ ittra ufficjali datata 27 ta’ Jannar 1995, huma baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-atturi *nomine* ihallsu s-somma ta’ Lm1303.75 rapprezentanti l-bilanc dovut ghal xoghlijiet li saru lill-konvenuti *nomine* mill-attur *nomine*, kif ukoll ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuti mis-socjeta` attrici kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri legali datati 22 t’Ottubru 1993 u 19 t’Ottubru 1994 u ta’

l-ittra ufficjali datata 27 ta' Jannar 1995, u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikat u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccipew:-

1. Illi t-talba ta' l-attur *nomine* hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma tezistix relazzjoni guridika abejn il-partijiet peress illi x-xoghol imsemmi fic-citazzjoni ta' l-atturi ma sarx ghas-socjeta` konvenuta;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku stess kellha tigi stabbilita relazzjoni guridika bejn il-partijiet, irid jigi ppruvat mill-atturi li x-xoghol li tieghu qed jigi mitlub hlas, verament sar u sar skond l-arti u s-sengha;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta ai termini ta' l-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

It-tieni eccezzjoni giet permezz ta' digriet ta' l-14 ta' Mejju 1998 sostitwita bl-eccezzjoni illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku stess kellha tigi stabbilita

relazzjoni guridika bejn il-partijiet, ix-xoghol tas-socjeta` attrici ma sarx skond l-arti u s-sebgha;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Gunju 1997 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti Alfred Camenzuli u l-avukat Dr. Mark Chetcuti biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija esperti li tinsab a fol. 66 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fl-Udjenza tas-7 ta' Lulju tas-sena 2000;

Rat in-nota ta' kritika tas-socjeta` konvenuta;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici pprezentat din il-kawza peress li tikkontendi li ghandha tiehu l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghal tliet kontijiet

differenti skond ma jidher mid-dokumenti esebiti a fol. 6, 7 u 8 meta giet intavolata c-citazzjoni;

Illi min-naha tieghu l-konvenut *nomine* eccepixxa n-nuqqas ta' relazzjoni guridika, il-preskrizzjoni u li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;

Illi l-konvenut issottometta illi: "*ix-xoghol ta' maitenance ta' kompressur u regassing ta' refrigeration equipment kien sar ghal Poultry Management Services Limited u fil-proprjeta` ta' l-istess, mentri il-hatching unit kien sar ghal Primrose Poultry Products Limited*" u ghalhekk ikkontenda li minn "*imkien ma irrizulta ... li s-socjeta` Primrose Poultry Products Limited kienet b'xi mod responsabbli ghal kontijiet ta' Lm618.75.*";

Illi ta' min jinnota illi ghalkemm ix-xhud qed johrog din id-distinzjoni guridika, meta wara li tlesta x-xoghol fuq il-hatchery intebah li l-kumpanija Poultry Management Services Limited kellha thallas xi kont iehor lis-socjeta` attrici "*immedjatament, avzajt lil hija John lil-kariga tieghu hija dik ta' Managing Director kemm tal-Primrose Poultry Products Ltd. kif ukoll tal-Poultry Management Services Co, Ltd, biex ma jmurx jhallas lil Marsa Plastics Ltd. Minhabba l-hsara u t-telf kbir ta' flus li tlifna minhabba x-xoghol hazin li ghamlu li ma kienx skond is-sengha*"; stqarrija simili turi kif jittiehdu d-decizjonijiet fiz-zewg socjetajiet imsemmija;

Illi kif gustament rilevat fir-relazzjoni peritali, l-ewwel zewg kontijiet intbghatu f'Jannar u fi Frar 1992; il-konvenut jikkontendi

li dawn messhom gew indirizzati lil Poultry Management Services Limited, izda r-rapport peritali dwar dan il-punt ikkonkluda li "*ma hemm ebda oggezzjoni ghal fatt li l-invoice ma kinitx intbghatet lill-kumpanja gusta*" - anzi "*John Borg stess kiteb nota lill-attur Ronnie Cauchi fejn talab breakdown tal-kont u li l-prezz jigi mnaqqas ghax kien eccessiv.*" Bhala risposta jidher li inhareg kont iehor bl-istess data, fejn is-socjeta` attrici jidher li ghamlet skont ta' 10% tal-kont originali;

Illi inoltre skond il-konvenut John Borg "*ix-xoghol kien sar sewwa u jiena kont ukoll hallast pagament akkont ta' Lm200*"; dawn il-mitejn lira jidhru li saru fid-9 ta' Ottubru 1992 skond id-dokument RC4;

Illi meta xi hadd jagixxi f'isem xi kumpanija ghandu jkun car u specifiku dwar il-vesti tieghu u mir-rizultanzi processwali odjerni l-Qorti taqbel ma' l-opinjoni ta' l-esperti nominati li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda;

Illi dwar l-artikolu tal-preskrizzjoni applikabbli, il-Qorti tirreferi ghal kliem ta' l-imsemmi George Borg "*tkellimt mas-Sur Ronnie Cauchi peress li l-kumpanija kellha bzonn hatcher unit. Dawn il-kwalita` ta' hatchers ahna s-soltu konna nimportawhom mill-Ingilterra*"; huwa staqsieh jekk "*jistghux isiru hawn Malta*". Ikkonferma wkoll li huwa qal lill-istess Cauchi illi jekk il-hatcher li kien ser jaghmillu kien jghogbu huwa kien ser jordna ohrajn bhalha; dan jaqbel ma' l-opinjoni ta' l-esperti li "*kien appalt ta'*

*kostruzzjoni ta' hatchery"* u li *"l-preskrizzjoni ta' appalt hi dik ta' hames snin*";

Illi dwar il-mertu fih innifsu ma jidhirx li hemm diffikulta dwar l-ewwel zewg kontijiet cioe` wiehed ta' Lm35 u l-iehor ta' Lm618.75;

Ili qamet kwistjoni dwar it-tielet kont cioe` dak relattiv ghall-bini tal-hatchery. Din kellha titlesta fi ftit granet peress li l-konvenuti riduha b'mod urgenti. Jidher illi effettivament dina tlestiet fi ftit granet ghas-sodisfazzjoni ta' l-istess konvenuti, izda ma' l-ewwel granet bdiet turi sinjali ta' difetti u dwar dan il-punt is-socjeta` konvenuta ressqet provi sufficjenti; dan qed jinghad wara illi, in segwitu ghall-prezentata tar-rapport peritali is-socjeta` konvenuta kien irnexxielha tirrintracca xi dokumenti illi jikkonfermaw din l-allegazzjoni. Li ma rnexxielix tipprova s-socjeta` konvenuta kienu d-difetti fihom infushom u kif qalu l-esperti "*la gew esebiti xi invoices jew provi ohra li turi l-hsarat, it-tiswija, il-kawza taghhom jew l-opinjoni ta' dan l-espert ingliz dwar il-hsarat*";

Illi kif gie rilevat is-socjeta` konvenuta ssottomettiet illi f'zewg incidenti imsemmija fir-rikors, u li ma jidhirx li gew ikkontestati, hija tilfet id-dokmenti kollha taghha; skond ma gie iddikjarat fir-rikors taghha tal-5 ta' Settembru 2000 dwar dan il-mertu hija kien irnexxilha tottjeni kopji ta' ittri, u dawn il-Qorti qed tikkonsidrahom fid-decizjoni taghha li tvarja l-opinjoni ta' l-esperti; l-izjed ittra importanti hija dik mibghuta mis-socjeta` estera Ray Simmons

Poultry Incubators fejn ikkonfermat li "*Michael Wade, an Engineer employed by Western Incubators Limited was sent in Malta in 1992 at the expense of Primrose Poultry Products Ltd, in order to carry out repairs and adjustments to a hatcher which had been totally manufactured in Malta.*";

Illi mid-dati tal-korrispondenza esebita l-Qorti tifhem li r-riferenza f'dik l-ittra kienet proprju ghall-hatchery li kienet giet kostruita mis-socjeta` attrici; ghalhekk jidher li x-xoghol relattiv ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti u dan anki fid-dawl ta' dak li qal il-works manager ta' l-istess ditta attrici: "*Hadd mid-ditta konvenuta ma specifikali xi dettalji bhal shana jew gejt moghti xi drawings*"; dan iwassal lill-Qorti tifhem li dawn ic-cirkorstanzi u dan il-mod tax-xoghol seta' jwassal ghal dawk il-"*blown up*" jew tbewwieq li minnu ilmentaw il-konvenuti; jidher li s-socjeta` attrici dahlet ghal bicca xoghol minghajr ma inghatat id-dettalji necessarji liema dettalji bhala kuntrattur hija kellha l-obbligu li tindaga l-aktar peress li s-shana hija fattur essenzjali fil-manteniment ta' l-istat tal-polyurethane uzat; bhala konsegwenza s-socjeta` konvenuta kellha tirreferi ghal espert barrani biex tinvestiga u kif irrizulta jirrimedja l-posizzjoni;

Illi ghalhekk il-Qorti taqbel li l-prezz tal-hatchery ma ghandux jithallas fl-intier tieghu minhabba dan in-nuqqas u ghandu jigi ridott b'hamsin fil-mija minhabba in-nuqqasijiet li kien hemm fix-xoghol u l-konsegwenzi li dawn setghu gabu lis-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' limitatament it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu [Lm1078.75 (Lm35 u Lm618.75 u Lm425)].

L-ispejjez fic-cirkostanzi fuq spjegati, jithallsu terz mis-socjeta` attrici u zewg terzi minn dik konvenuta, u l-imghax jibda' jiddekorri mid-data ta' meta din is-Sentenza tghaddi in gudikat.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur